**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**22 ta' Gunju 2020**

**Rikors Numru 29/2019**

**Malcolm Monreal**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **Malcolm Monreal** datat 22 ta' Marzu 2019 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

*"Illi l-fatti li taw lok għal din il-vertenza huma s-segwenti;*

1. *Illi l-esponenti xtara vettura mill-Ingilterra tal-għamla Fiat Pininfarina Spider bin-numru tac-chasis ZFR120D5005506082.*

2. *Illi l-esponenti issottometta applikazzjoni għand l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta sabiex il-vettura propjeta' tiegħu tiġi reġistrata bħala vettura vintage, u dan ai termini ta' l-Artikolu 25 tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Illi flimkien ma l-applikazzjoni in kwistjoni, l-esponenti kien ukoll issottometta dokumenti relattivi in sostenn ta' l-istess applikazzjoni, b'mod partikolari r-ritratti tal-vettura li kienu mitluba ai termini ta' l-istess applikazzjoni u l-irċevuta tal-ħlas tal-vettura odjerna.*

4. *Illi permezz ta' ittra mibgħuta mill-Awtorita' intimata fl-4 ta' Marzu 2019 (kopja ta' l-ittra hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A), l-esponenti ġie nfurmat bid-deċiżjoni mittieħda*

*mill-Kumitat għal-Klassifikazzjoni ta' vetturi vintage fi ħdan u jew appuntat mill-Awtorita' għat-Trasport f' Malta illi l-applikazzjoni tiegħu sabiex il-vettura tiġi klassifikata bħala vettura vintage ġiet milqugħha.*

**5.** *Illi fl-istess ittra mibgħuta mill-Awtorita' intimata fl-4 ta' Marzu 2019 l-esponenti ġie mitlub iħallas l-ammont ta' erbat elef tmin mija u ħamsa u sebgħin (€4,875) ewro bħala taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vettura.*

**6.** *Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk qiegħad jinterponi dan l-umli appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.*

**7.** *Illi l-artikolu relevanti tal-liġi huwa l-Artikolu 25(7) u 25(8) tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta, li testwalment jgħidu hekk:*

> *25.(7) Meta vettura bil-mutur li tkun għadha kif ġiet impurtata u tkun għadha ma ġietx reġistrata f'Malta tiġi klassifikata bħala vettura vintage, il-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage għandu wkoll jiddeċiedi dwar il-valur tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas fuq dik il-vettura.*
> *25.(8) Il-valur tar-reġistrazzjoni ta' vettura bħal dik bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni, għandu jkun ibbażat fuq:*
> *(a) il-valur tal-fattura, jew*
> *(b) il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali meta l-valur tal-fattura jitqies mill-kumitat li huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli.*

**8.** *Illi l-esponenti ppreżenta għand l-Awtorita' intimata l-irċevuta oriġinali tal-prezz li ħallas għall-vettura u liema prezz huwa ta' sitt elef u ħames mitt lira sterlina (£6,500), b'dan li t-taxxa tar-reġistrazzjoni kienet tkun bil-wisq anqas minn dak mitlub mill-Awtorita' intimata.*

**9.** *Illi għalhekk huwa evidenti li l-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage ikkalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni skont il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali.*

**10.** *Illi konsegwentament dan ifisser li l-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage deherlu li l-valur tal-fattura jitqies li huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli.*

**11.** *Illi kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-esponenti ħallas għall-vettura permezz ta' bank transfer u għalhekk hemm paper trace tal-ħlas li sar. In oltre, l-esponenti inkariga terza persuna ossia Spiridione Borg sabiex jieħu ħsieb li jagħmel spezzjoni tal-*

*karozza, u jimportaha f'Malta, b'dan li hemm evidenza ċara li l-prezz tal-irċevuta huwa ġust u ġenwin.*

**12.** *Illi in oltre, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-vettura oriġinat mill-Istati Uniti tal-Amerika bħala scrap u l-esponenti xtara l-istess vettura mill-ingilterra bħala scrap. Illi fil-fatt fl-ittra mibgħuta mill-Awtorita' intimata fl-4 ta' Marzu 2019 hemm referenzaa li tali vettura għandha tkun igaraxxjata peress li m'hijiex fi stat tajjeb. Illi għalhekk sabiex il-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage jikkalkula t-taxxa tar-reġistrazzjoni kellu jibbaża l-valur tal-vettura skont il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali u ċioe' vetturi li jiriflettlu l-istat tal-vettura mixtrija mill-esponent u mhux il-valur tas-suq medju ta' vetturi li huma f'kundizzjoni tajba.*

**13.** *Illi in oltre, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, sar surveyor report li juri l-istat tal-vettura li ċertament ma jġibx il-valur tal-vettura għal madwar ħmistax il-elf (€15,000) ewro hekk kif ġiet stmata mill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage.*

**14.** *Illi kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali jixbħu ferm ikl-prezz li ħallas l-esponenti u għalhekk n'hemm l-ebda raġuni valida il-għala l-prezz tal-vettura għandu jitqies li huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli.*

**15.** *Illi dan kollu juri li kemm fuq il-mertu u kemm legalment m'hemmx raġuni valida sabiex l-esponenti iħallas l-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni mitlub mill-Awtorita' intimata.*

*Għaldaqstant l-esponenti qiegħad jitlob lill-dan l-Onorabbli Tribunal sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhirlu xierqa u opportuni:*

1. *Jiddikjara illi d-deċizjoni ta' l-Awtorita' intimata li l-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni li għandu jitħallas fuq il-vettura għandu jkun ta' erbat elef tmin mija u ħamsa u sebgħin (€4,875) ewro hija esaġerata, infondata u nġusta;*

2. *Konsegwentement tikkundanna lill-Awtorita' ntimata sabiex tiddikkjara li l-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni li għandu jitħallas fuq il-vettura għandu jkun ibbażat skont l-irċevuta; u*

3. *Konsegwentement ttikkundanna lill-Awtorita' ntimata sabiex tirreġistra l-vettura u toħroġ iċ-ċertifikati u dokumentazzjoni relattivi fir-rigward tal-vettura vintage a bażi tat-taxxa ta' reġistrazzjoni ġusta."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** pprezentata fit-8 ta' April 2019 li permezz tagħha eccepiet is-segwenti:

*"1. Illi l-appell interpost mill-appellant huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez stante li d-decizjoni mehuda mill-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage hija wahda korretta, gusta u skond il-ligi. Di fatti, a tenur tal-Artikolu 25(8) tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta, meta l-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage iqis illi l-valur tal-fattura pprezentata mill-applikant ghall-finijiet biex tigi stabbilita t-taxxa ta' registrazzjoni, huwa baxx b'mod mhux ragjonevoli – kif fil-fatt kien fil-kaz odjern – allura l-valur tar-registrazzjoni tal-vettura de quo agitur ghandu jkun ibbazat fuq il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identici, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali, u kien effettivament a bazi ta' dan il-kriterju illi l-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage stabilixxa l-valur tal-vettura u konsegwentement l-ammont ta' taxxa ta' registrazzjoni pagabbli mill-appellant, u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.*

*2. Illi ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez."*

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 4 ta' Marzu 2019 (Dok A a fol. 5) li permezz taghha gie mgharraf illi filwaqt li l-Awtorita` intimata, fuq parir tal-Kumitat Ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage (aktar l'isfel "il-Kumitat"), kienet qieghda tilqa' t-talba tieghu sabiex il-vettura tal-ghamla Fiat Pininfarina Spider tigi kklassifikata bhala vettura *vintage*, infurmatu wkoll li t-taxxa ta' registrazzjoni fuq l-istess vettura tammonta ghal erbat elef, tmien mija u hamsa u sebghin ewro (€4875). Illi l-esponent hass li dan l-ammont huwa esagerat tenut kont tal-kundizzjoni tal-vettura *de quo* u l-prezz li biha xtara l-istess vettura, u cioe` sitt elef u hames mitt lira sterlina (£6500).

Illi minn dak li xehed **ir-rikorrent** jirrizulta illi l-vettura in kwistjoni kienet giet impurtata mill-Istati Uniti tal-Amerika ghar-Renju Unit minn fejn eventwalment impurtaha hu. Stqarr ukoll illi l-istess vettura ma kinitx f'kundizzjoni li tinstaq u spjega li kienet giet mgherrqa gewwa l-Amerika u kienet ikklassifikata bhala *total loss*. Huwa pprezenta wkoll dokumenti mehudin mis-sit tal-*ebay* li juru li vetturi simili ghal dik in kwistjoni huma *presso poco* tal-valur li hallas ghall-vettura *de quo*. Ir-rikorrent qal li qabel xtara kien ha parir mighand certu George li kien President

tal-Klabb tal-karozzi Amerikani f'Malta u wkoll kien halla f'idejn certu Spiridione Borg sabiex isir id-*deal*.

**Giorgiano Muscat** stqarr illi huwa dilettant tal-karozzi antiki, li ilu tnax-il sena segretarju tal-American Auto Club Malta u li kien ilu jaf lir-rikorrent hafna snin. Stqarr illi minn ricerka li ghamel irrizultaltu li fl-2012 il-vettura in kwisjtoni gie mgharrqa u dikjarata *total loss* mill-assigurazzjoni u ttiehdet go bitha biex isir irkant taghha. Sussegwentement fl-2013 giet esportata lejn ir-Renju Unit. Jispjega li l-vettura trid tizzarma kompletament u kkalkula li biex tigi restawrata hemm spiza ta' xi ghaxart elef ewro (€10,000).

**Spiridione Borg** stqarr illi huwa ghandu d-delizzju tal-karozzi klassici u huwa ntiz hafna fl-istess generu ta' vetturi, inkluz valur tal-istess. Jispjega illi huwa ghamel il-verifiki dwar dan il-bejgh mad-*dealer* gewwa l-Ingilterra u kien gie mgharraf illi l-istess vettura kienet gherqet waqt maltempata u li kellha diversi hsarat u li l-istess *dealer* kien ghamel tiswijiet minimi sabiex jinhargilha certifikat ghat-triq. Jispjega li l-istess *dealer* kien spjegalu illi huwa kien xtara l-vettura *tale quale* u wara skopra li kellha hsarat iktar milli haseb u ried jehles minnha billi tal-inqas jigbor flusu.

**Albert Pisani**, Membru tal-Kumitat Ghall-Klassifikazzjoni ta' Vettura Vintage, spjega illi l-vettura in kwistjoni hija wahda minn elf, hames mija u erbgha li ghamel Pininfarina wara li l-Fiat waqfet taghmel il-mudell Fiat 124 Spider. Jispjega li minn verifika li ghamel mic-*chassis number* irrizultalu li l-vettura in kwisjtoni hija t-tnejn u ghoxrin wahda li giet manifatturata. Jghid li huwa spezzjona l-vettura u bhala kundizzjoni la kienet hazina u lanqas perfetta. Meta rricerka dwar prezzijiet huwa sab gamma ta' valuri ghalkemm il-valur li sab li jobzqu bil-wisq il-prezz li biha nxtrat il-vettura in kwisjtoni gew deskritti minnu bhala *"top of the range"*. Huwa jistqarr illi meta ha in konsiderazzjoni kollox kien tal-fehma illi l-valur tal-vettura *de quo* huwa hafna iktar minn dak li bih inxtrat u kien ivvalutaha hmistax-il elf ewro (€15,000). In kontro-ezami stqarr illi waqt l-ispezzjoni li huwa ghamel, il-vettura ma gietx startjata ghaliex l-istat mekkaniku taghha mhux parti mix-xoghol taghhom. Spjega li huwa ma jiftakarx li l-*body* tal-vettura kien kollu ttikjat u lanqas ma kien a konoxxenza li kienet gherqet.

**Ikkunsidra:**

Illi t-taxxa ta' registrazzjoni fuq vetturi *vintage* importati f'Malta hija regolata bl-Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta). Artikolu 25 (7) u (8) tal-imsemmija legislazzjoni jghid is-segwenti:-

*"(7) Meta vettura bil-mutur li tkun għadha kif ġiet impurtata u tkun għadha ma ġietx reġistrata f'Malta tiġi klassifikata bħala vettura vintage, il-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage għandu wkoll jiddeċiedi dwar il-valur tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas fuq dik il-vettura.*

*(8) Il-valur tar-reġistrazzjoni ta' vettura bħal dik bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni, għandu jkun ibbażat fuq –*

*(a) il-valur tal-fattura, jew*
*(b) il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali meta l-valur tal-fattura jitqies mill-kumitat li huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli."*

Illi fil-kaz in kwistjoni jirrizulta illi l-Kumitat qies il-prezz muri fuq il-fattura ta' sitt elef lira sterlina (£6000) bhala wiehed baxx b'mod mhux ragjonevoli u ghalhekk stabilixxa valur ta' hmistax-il elf ewro (€15,000). Illi dan il-valur wasal ghalih wara spezzjoni li saret minn membru tal-istess Kumitat li ghamel spezzjoni vizwali u eventwalment ghamel ricerka ghal valuri ta' vetturi simili. Bhala prova ta' dan l-istess Membru tal-Kumitat esebixxa hames ezempji ta' vetturi simili li erba' (4) minnhom gew manifatturati fis-sena 1985 u wahda minnhom fis-sena 1984. Illi l-valuri ta' dawn il-vetturi ivarjaw minn erbgha u ghoxrin elf u seba' mitt ewro (€24,700) sa tmienja u tletin elf u mitt ewro (€38,100). Jirrizulta li mbaghad ha medja tal-prezzijiet li sab u vvaluta l-vettura in kwisjtoni ghal hmistax-il elf ewro (€15,000). Min-naha l-ohra ir-rikorrent ukoll esebixxa prezzijiet ta' vetturi simili minn fuq *ebay* li jvarjaw minn erbat elef, sitt mija u hamsa u disghin sterlina (£4695) ghal disat elef, disa' mija u hamsa u disghin sterlina (£9995). Madankollu huwa wkoll fatt li dawn il-prezzijiet huma miftuhin ghal offerti oghla. Jirrizulta wkoll illi l-ebda wahda minnhom ma hi tas-sena 1985 u kwindi ma jistghax isir paragun b'mod daqshekk reali siccome` s-sena li fiha gew manifatturati huma 1972, 1979, 1981 u cioe` meta kienu ghadhom jigu manifatturati mill-FIAT.

Illi mill-provi jirrizulta illi l-elementi l-iktar li ttiehdu in konsiderazzjoni mill-Kumitat biex wasal ghall-valur moghti minnu huma:

1. Illi dan kien mudell manifattura minn Pininfarina u li sussegwentement l-istess mudell ma baqghax jigi manifatturat;
2. Illi l-istess vettura kienet in-numru tnejn u ghoxrin (22) minn cirka elf u hames mitt (1500) vettura tal-ghamla taghha.

Min-naha l-ohra r-rikorrent, filwaqt li jirrikonoxxi illi dawn l-elementi huma oggettivament veri, jishaq illi l-Kumitat ma setghax jinjora kompletament illi l-istess vettura kellha hsarat kbar u ghalhekk certament il-valur tas-suq taghha ma setghax jigi paragunat ma' dak ta' vettura ohra f'kundizzjoni ferm aktar tajba.

Illi fit-trattazzjoni orali, id-difensur tal-Awtorita` intimata sostna illi l-kundizzjoni li fiha tinsab il-vettura ma taghmilx differenza fil-valur. Li jaghmel differenza fil-valur huwa n-numru limitat manifatturat u wkoll illi l-vettura giet manifatturata minn isem ikoniku fid-dinja tal-vetturi. L-istess difensur stqarr illi hadd ma hu qieghed jiddubita li l-prezz imhallas kien verament dak mistqarr mir-rikorrenti, pero` ladarba l-Kumitat hass li dan kien wiehed baxx b'mod mhux ragjonevoli allura ghamel sewwa l-istess Kumitat li stabilixxa l-prezz medju tas-suq.

Illi ghalhekk, minn dak li fehem dan it-Tribunal, il-fatt li l-vettura in kwisjtoni ghandha nuqqasijiet serji mekkanici u wkoll li l-*body* taghha ghandu bzonn xi xoghol, ma kellu l-ebda effett fuq il-valutazzjoni li ghamel il-Kumitat. Illi dan kollu huwa kontradittorju ghal dak li qal l-istess Albert Pisani, liema xhud qal li huwa ha valur medju tal-valuri li sab meta rricerka. Jekk verament il-kundizzjoni li tkun fiha vettura ma jaghmilx differenza, allura l-vetturi tal-ghamla tal-vettura in kwistjoni ghandhom kollha jigu valutati l-istess, irrilevanti mill-kundizzjoni li jkunu jinsabu fiha. Pero`, anke mill-provi prodotti mill-istess Awtorita` intimata, jirrizulta illi dan mhux il-kaz. Mill-istess dokumentazzjoni esebita jirrizulta illi mudelli tal-istess sena igibu gamma ta' valuri. Allura dan it-Tribunal jistaqsi x'inhu dak il-fattur determinanti li jaghti din il-gamma ta' valuri jekk mhux il-kundizzjoni li tkun fiha l-vettura? U dan anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li gew manifatturati fl-istess sena u huma tal-istess mudell. Haga ohra li jista' jkollhom ukoll differenti hija n-numru taghhom fil-*line of production*. Pero` kif qal tajjeb Spiridione Borg, ghalkemm il-vettura in kwistjoni kien manifatturata pjuttost lejn il-bidu, lanqas ma kienet l-ewwel wahda tant li l-valur taghha seta' jispara 'l fuq b'mod esagerat.

Illi ghalhekk, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, il-kundizzjoni ta' vettura certament li trid tigi kkunsidrata ai fini ta' valur taghha. Daqskemm huma validi kriterji bhal mudell, l-annu, l-produttur, in-numru fil-linja tal-produzzjoni, l-ammont ta' vetturi manifatturi, daqstant iehor ghandu jkun kriterju validu u li jrid jittiehed in konsiderazzjoni l-kundizzjoni ta' vettura. Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sottomissjoni tad-difensur tal-Awtorita` intimata fejn irrefera ghall-valutazzjoni ta' proprjeta` immobbli mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ai fini ta' taxxa dovuta fejn gie sottomess illi jekk il-Kummissarju tat-Taxxi ihoss li l-prezz imnizzel fuq il-kuntratt huwa inqas mill-prezz tas-suq, huwa jimponi taxxa addizzjonali fuq il-prezz tas-suq. Illi t-Tribunal jirrileva, pero`, illi meta l-Kummissarju tat-Taxxi jaghmel

tali valutazzjoni, il-Periti inkarigati minnu ghal tali valutazzjoni jiehdu in konsiderazzjoni l-istat tal-proprjeta` immobbli li tkun inxtrat. Jekk tinxtara bicca art certament ma jivvalutawhiex daqs li kieku inxtrat blokka flats mibnija anke jekk l-istess art ikollha dak il-potenzjal. L-istess haga jista' jinghad ghal proprjeta` "*unconverted*" ghal wahda "*converted*". U daqstant iehor fil-kaz in kwisjtoni. Jekk vettura ghandha numru ta' difetti, minkejja li hija ta' certu prestigju, ma ggibx prezz fis-suq daqs li kieku kienet fi stat tajjeb. Fil-fatt, il-membru tal-Kumitat Albert Pisani ikklassifikaha bhala "*average*".[1]

Illi ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-valur imhallas mir-rikorrent ghall-vettura in kwisjtoni ma jistghax jitqies bhala valur baxx b'mod mhux ragjonevoli, u dan wara li t-Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istorja kollha tal-vettura in kwisjtoni. Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jannulla d-decizjoni tal-Awtorita` intimata f'dik il-parti fejn imponiet taxxa ta' registrazzjoni fl-ammont ta' erbat elef, tmien mija u hamsa u sebghin ewro (€4875) sabiex il-Kumitat jerga' jikkunsidra mill-gdid id-decizjoni tieghu abbazi ta' dak li ntqal hawn fuq.

Illi finalment, it-Tribunal josserva illi meta jsiru l-ispezzjonijiet fuq vetturi bhal dawk in ezami, huwa desiderabbli li dawn isiru f'ambjent imdawwal u preferibbilment f'ambjenti li tipprovdi l-Awtorita` intimata halli jinzamm certu *standard* ghall-ispezzjonijiet kollha. Iktar minn hekk huwa wkoll tajjeb li tali spezzjonijiet isiru minn iktar minn membru wiehed tal-Kumitat u dana sabiex l-ispezzjoni tkun wahda iktar oggettiva u trasparenti.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrent sa fejn huwa kompatibbli ma dawk li ntqal hawn fuq u jichad ir-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez a karigu tal-Awtorita` intimata.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**

[1] Dokument BF1 a fol. 94